# IR-REGINA ESTER (IT-TIENI PARTI)



Meta l-Lhud semghu l-ordni tas-sultan  qabadhom biza' kbir. Din kien tghid li l-Lhud kollha fil-pajjiz kellhom jigu maqtula fit-13 il-jum tat-tnax-il xahar. Bdew jikbu u jnewhu u hafna kienu li bdew jaghmlu penitenza billi jilbsu lbies ta' l-ixkejjer u jitfghu l-irmied fuq rashom.



Wiehed minn dawn kien Mordekai,li meta sema' bil-pjan ta' Aman qatta hwejgu minn fuqu bhala sinjal ta' dispjacir kbir u beda' jaghmel penitenza. Mar jigri fil-belt jikbi xortih u x-xorti tal-poplu lhudi.



Meta Ester semghet x'kien qed jaghmel Mordekai baghtet il-qaddej taghha jistaqsi ghaliex u x'hin saret taf bil-ligi tas-sultan, hija thassbet bis-shih ghal poplu taghha. Talab lil Ester biex hi tintercedi ghalih u ghall-poplu quddiem is-Sultan biex ma jaghmilx dak li kien hemm miktub fil-ligi.



Permezz tal-qaddej taghha hi baghtet tinforma lil Mordekai li hi ma tistax tidher quddiem is-sultan jekk ma jsejhilhiex hu. Jekk tikser din l-ordni hi tmut.

Mordekai wegibha li billi hija regina tghix fil-palazz mhux ser tehles mill-mewt ghaliex hi lhudija. "Forsi ghalhekk gara li gara li mara minn nisel lhudi tintghazel b'regina tas-sultan biex jum wiehed tehles lill-poplu lhudi mill-mewt."





Ester ordnat lil Mordekai biex jigbor lill-poplu u ghal tlett ijiem jitlob u jsum.  Wara t-tielet jum hija libset sabih u marret quddiem is-sultan. Is-sultan firex ix-xettru tieghu biex juri, li ghalkemm Ester kisret il-kmand tieghu, hija mehlusa mill-mewt.



“X’inhija t-talba tieghek, ghaziza tieghi? Imqar jekk titlobni nofs is-saltna jiena naghtihielek,” staqsiha s-sultan.

Nixtieq nistidnek flimkien ma’ Aman ghall-pranzu li ser naghti ghada.  Imbaghad nghidlek x’nixtieq,” qaltu Ester.

Is-sultan flimkien ma’ Aman marru ghall-pranzu li ghalih stednithom ir-regina Ester.  Waqt l-ikla s-sultan staqsa lil Ester x’kienet it-talba taghha.





Flok wegbitu, Ester regghet stednithom ghall-pranzu iehor li kellha mhejji ghalihom l-ghada. Meta Aman hareg mis-sala tal-pranzu kien ferhan, izda ntela’ qilla meta nduna li Mordekai ma baxxiex rasu quddiemu.



Meta Aman mar lura d-dar tghidx kemm qal li kien ferhan u jhossu onorat li r-regina stednitu ghall-pranzu flimkien mar- re, izda qatt ma jista' jsib paci sakemm Mordekai li jkun fil-bieb tal-palazz ma jbaxxix rasu quddiemu. "Hu biss ma jaghmilx hekk," qalilhom irrabjat.

Martu u wliedu kellhom pjan. "Ara x'ghandek taghmel...waqqaf arblu u itlob lir-re biex filghodu Mordekai jkun imdendel." Dan is-suggeriment ghogbu hafna lil Aman u ordna lill-qaddejja tieghu jwaqqfu arblu gholi hafna..





Dak il-lejl is-sultan ma setghax jaghlaq ghajn ma' ghajn u ghalhekk talab li jingieblu il-ktieb ta' l-istorja tas-saltna tieghu u jinqralu dak li ghadda minnu l-imperu li kien jahkem. Meta l-qarrej wasal ghall-grajja ta' meta Mordekai salva hajjet is-sultan, ir-re staqsa: " Xi hlas inghata lil dan ir-ragel hekk fidil?"

Il-qarrej wiegbu: "Xejn ja sidi."



“Min hu l-ufficjal fil-qorti rjali?” staqsa s-sultan. “Aman,” qalulu. “Sejhu lil Aman,”ordna s-sultan. Dak il-hin Aman kien ser jmur jitlob lis-sultan biex Mordekai jigi mdendel ma’ l-arblu. “Ghaddi, ghaddi, Aman,” qalu s-sultan,”ghandi xi haga xi nghidlek. X’ghandu jsir ghal dak ir-raglel li s-sultan jixtieq jonora?”

Billi haseb li r-re xtaq jonorah wiegbu: “ Jitlibbes il-mantell rjali u joqghod dan ir-ragel fuq iz-ziemel li jirkeb is-sultan. L-aktar princep nobbli tas-saltna jmexxi liz-ziemel u jghajjat – “ Dan hu li jaghmel is-sultan lil dak li  jixtieq jonorah.”





Is-sultan minnufih wiegbu “ Mur inti u aghmel hekk lil Mordekai li heles hajjet is-sultan. U taghmel xejn inqas minn dak li ghidtli”



Aman ghamel precizament kif qallu is-sultan. Wara mar umiljat u mdejjaq ghal ahhar f'dar u qal lil martu u lil wliedu dak li gara. Dak il-hin gew il-qaddejja u qalulu li kien sar il-hin biex jattendi il-pranzu li ghamlet ir-regina.

TGHALLEM LI QABEL TAGHMEL XI HAGA MPORTANTI FIL-HAJJA TIEGHEK ERSAQ LEJN ALLA, ITLOBU U GHAMEL SAGRIFICCJI BIEX JAGHTIK ID-DAWL HALLI DAK LI TAGHMEL TAGHMLU TAJJEB U SKOND IR-RIEDA TIEGHU. KULL MIN HU UMLI U ALLURA JAGHRAF LI BIL-HILA TIEGHU MA JISTA' JAGHMEL XEJN, DEJJEM IDUR LEJN ALLA L-HALLIEQ TIEGHU.

ZOMM DAN F'MOHHOK:

**BIL-HILA T'ALLA KOLLOX JISTA' JKUN.**